*Ċittadin fost l-aktar distinti ta' pajjiżu*

# Ġorġ Grognet (1774-1862)

Wiehed mill-mumenti deċiżivi ta' dan il-millennju fl-istorja tagħna l-Mostin u ta' Malta kien il-bini tar-Rotunda. Kienet għadma iebsa fil-bidu, matul u wara l-bini tagħha. Bejn id-dibattitu fejn kellha tinbena, in-nuqqas ta' mezzi u x-xettiċiżmu ta' xi Maltin l-impriża ġa kienet diffiċli. Għamlu tajjeb il-fehma tal-kotra u d-dehen tal-mexxejja sekulari u reliġjużi, fosthom Ġorġ Grognet. Nistgħu ngħidu li dan l-arkitett inġinier twieled u għex biss għar-Rotunda. B'turija u b'konferma baqa' nieqes minn dak li suppost messu u għex f'faqar u ċaħda tal-waħx. Għalih nistgħu tabilħaqq ngħidu li ftaqar. Kieku ried Grognet kien jgħix ħajja komda għax bil-privatijiet li seta' jagħti u b'xi xogħol ieħor li għalih kien imfittex kien jiġbor dħul tajjeb. Għażel lil pajjiżu, lir-reliġjon u l-isem tal-familja.

Ir-Rotunda rat ġrajjiet kbar f'dan l-aħħar seklu. L-ikbar glorja tagħha, bix-xieraq, kienet l-ikbar ġrajja ta' Malta: l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913). Ħamsin sena ilu kien ikkonfermat l-istatus tar-Rotunda meta tkanta t-Te Deum fl-1 ta' Novembru, 1950, dakinhar li ġiet iddikjarata d-domma. Fl-istess post, erba' snin qabel , fit-22 ta' Settembru, 1946 l-arċidjoċeżi kienet iltaqgħet biex tippreżenta l-petizzjoni nazzjonali lis-Santa Sede.

Il-Mosta ma bdietx tissemma ta' xejn b'xejn u anqas 'il quddiem ma saret post notevoli fuq il-mappa turistika għax il-ħakkiema ta' ġensna kienu pprovdewlha. Kollox sar bit-tbatija tal-poplu. It-tbatijiet tal-familja Grognet huma mera tat-tbatija kollettiva tal-Mostin. Ta' lanqas xi ħadd li kiteb ħalla dokumenti vividi ta' mniex għaddew Grognet u l-familja, dokumenti ċari x'fisser il-bini tar-Rotunda għal dan il-ġentlom Malti ta' ġenju u saħħa morali.



Ġorġ Grognet

### Aristeo Grognet 'Wild il-ġenju u l-faqar'

Fit-30 ta' Settembru, 1862 l-uniku tifel ta' Ġorġ (l-oħra kienet tifla, Cyrene), Aristeo Grognet, u martu Carmela għamlu petizzjoni lill-Gvernatur Sir John Gaspard Le Marchant għall-għajnuna. Huma ssottomettew li fl-għoti tal-pensjoni lil Ġorġ Grognet il-Gvern ried juri 'ir-rikonoxximent pubbliku lil wieħed li ddistingwa ruħu fl-Arti' [2] Minħabba d-djun li kellu qabel ma ngħatatlu l-pensjoni, il-ħlas li rċieva fit-tliet xhur li gawdieha spiċċa tista' tgħid kollu biex tħallsu d-debituri. Meta xjaħ Grognet beda jbati minn mard kroniku u infatti l-aħħar attakk sever li wasslu fil-qabar dam xahar, li matulu kellhom jonfqu ħafna flus, kif għamlu wara biex sarlu funeral. Barra li ma kellhomx mezzi r-raġel Aristeo kien ibati minn marda kronika f'sidru li ma tħallihx jaħdem. Martu Carmela kienet taħt kura minħabba marda oħra. B'xhieda ta' dan hemżu ċertifikat mediku.

Huma talbu l-ħniena u l-ġustizzja tal-Gvernatur biex jagħtihom sehem kull xahar mill-porzjon tal-mitt lira li kien inħareġ lil Ġorġ Grognet.

Nota fl-istess fajl tgħid li l-Gvernatur kien jiddispjaċih li ma setax jilqa' t-talba.

➥ ikompli paġna 39



CIAPELLA Motors

For anything LandRover

Mosta Tel: 414441 Fax: 416837 — Mġarr Tel: 574615 Fax: 572504

# Ġorġ Grognet

minn paġna 38

### Miżerja Elokwenti – 'Faqar onest'

F'petizzjoni oħra bid-data tat-22 ta' April, 1863 Aristeo Grognet iħalli stampa impressjonanti ta' l-orjentament psikoloġiku li kien fih u li sar, nistgħu ngħidu, ta' lanqas f'parti, il-filosofija jew *Weltanschauung* ta' ħajtu:

"Jien wild il-ġenju u l-faqar! Missieri, l-arkitett famuż, megħjun mill-ġenerożità ta' l-Eċċellenza Tiegħek, fl-aħħar jiem ta' ħajtu, ilu issa xi xhur fil-qabar. Miegħu waqfet għalina l-providenza kollha: il-miżerja rritornat fil-familja tiegħu eħrex minn qabel.

Missieri f'mewtu ħallieli biss il-wirt u t-testment ta' faqar onest. M'għandix it-talenti tiegħu, iżda biss l-Arti, tgħallimt biżżejjed biex nagħmel tajjeb għall-isfortuna..."

Aristeo talab post fost id-disinjaturi tal-pjanti pubbliċi. "B'hekk b'simpatija għall-miżerja tiegħi, l-Eċċellenza Tiegħek tkompli benefiċċju li waqaf mal-mewt ta' missieri u l-ispirtu ta' dan il-bniedem sfortunat, meta tieqaf il-miżerja tagħna, ibierkek iżjed minn qabru." [3]

Għand kull min mar dan il-*file* it-tweġiba kienet li ma kienx hemm vakanzi x'jimtlew. Fl-1865 Aristeo Grognet reġa' talab li jiġi impjegat bħala *draughtsman* ma' l-istess dipartiment jew inkella jingħata porzjon mill-pensjoni li missieru laħaq gawda fl-aħħar tliet xhur ta' ħajtu[4]. Is-Sur G. Vella, Kollettur, fis-7 ta' Ottubru, 1865 wieġeb: 'Il-mezzi għad-diżpożizzjoni tiegħi biex inħallas lid-*draughtsmen: huma limitati ħafna tant li ma nistax nimpjega għajnuna żejda. Għandi kemm kemm biex inħallas il-pagi verament baxxi tad-*draughtsmen preżenti; bilkemm biex inkun nista' nwettaq ix-xogħol tad-Dipartiment li għandi bħalissa". [5] Is-Sur Vella reġa' nnota "li ma kienx hemm vakanzi f'dak il-mument biex l-applikant ikun jista' jiġi appuntat." [6]

### Rikonoxximent Irjali – Aħjar tard milli qatt

F'ħarġa ta' *The Malta Observer*[7] inkiteb li uħud mill-ħbieb u l-ammiraturi ta' Grognet fl-aħħar waqqfu sottokrizzjoni biex jerfgħu lil dan il-bniedem sfortunat mill-bżonnijiet urġenti li sab ruħu fihom. Wara li ddedika ħajtu twila għall-istudju profond tal-professjoni tiegħu, Grognet sab ruħu ta' aktar minn 85 sena f'sitwazzjoni li jiddependi kważi għal kollox mill-għajnuna ta' ħbiebu għall-bżonnijiet l-aktar



Ir-Rotunda: monument ħaj ta' Grognet

essenzjali tal-ħajja. Kien f'waqtu li xi ħadd ħasiblu biex l-aħħar ġranet ta' ħajtu ma jgħaddihomx f'wied reali tad-dmugħ. Il-kittieb spera li l-Maltin ma jibqgħux lura milli jgħinu lil wieħed mill-kompajżana dotati ta' pajjiżhom.

Meta f'Ġunju 1862 il-Kunsill tal-Gvern qabel li tingħata pensjoni ta' mitt lira fis-sena lil Ġorġ Grognet bħala rikonoxximent pubbliku tal-merti distinti tiegħu fl-arti, li tagħhom il-mejjet Prinċep Konsort tar-Reġina Vittorja kien patrun liberali u assidwu, l-editur ta' *The Malta Observer* ikkummenta li l-aħbar kienet tintlaqa' tajjeb mill-pubbliku kollu Malti. Grognet ta l-biċċa l-kbira ta' ħinu u l-attenzjoni għall-kultivazzjoni ta' l-arti u x-xjenza f'Malta. L-editur żied li ma setgħetx tittieħed miżura aħjar mill-Gvern fl-okkażjoni tal-viżta rjali. Barra li tonora lill-Prinċep ta' Wales din il-miżura tirrendi ferħana l-aħħar ġranet tal-venerabbli Sur Grognet." [8]

ikompli paġna 40

JV
SERVICE STATION
Anthony Vella
• Batteries • Tyres • Car Accessories • Auto Parts • Oils • Etc
Valletta Road, Mosta MST 09 • Tel: 434114

# Ġorġ Grognet

➡ minn paġna 39

## Monument Nazzjonali

Wasal jum il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 1862, tliet xhur u ġurnata wara li l-approvazzjoni tal-pensjoni dehret ippubbilkata fil-gazzetta tal-Gvern bil-firma taċ-*Chief Secretary to Government, Sir Victor Houlton*. Grognet radd ruħu fl-età ta' 88 sena. F' *The Malta Times* [9] dehret ittra inizjalata *A.L.A.* Skond l-editur dan kien ġentlom magħruf sewwa għax-xjenza u l-letteratura.

Fil-fatt *A.L.A.* kien it-tabib u ġeologu Andrew Leith Adams (1827-1882). [10] Adams kiteb lil dawk kollha li kienu draw jaraw il-forma mixruba u fqajra li kienet tkaxkar saqajha fit-triqat liebsa ħwejjeġ ftit aħjar miċ-ċrieċer żgur li għall-ewwel bilkemm kienu jkunu jridu jemmnu li dak kien l-arkitett tal-knisja famuża tal-Mosta u awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet xjentifiċi u letterarji barra milli kien membru ta' aktar minn soċjetà waħda ta' erudizzjoni. Il-ktieb (1854) dwar ir-raġunamenti Platoniċi b'riferenza għall-Atlantide seta' kien nieqes mill-metodu tal-ġeoloġista professjonali iżda żgur juri li l-awtur ma kienx barrani għal-letteratura klassika. Forsi bħal ħafna mħabbtu għal-*Literae Humaniores* kienet lanqas rakkommandazzjoni li kellu. Ġorġ Grognet ma kienx bniedem ordinarju.

Dr Adams jistqarr li Grognet kien minsi minn pajjiżu u l-id tal-karità estendewhielu bit-tqanqiċ fl-aħħar mumenti. Ma jkunx barra minn postu li jingħata sinjal ta' rispett, forsi monument mibni minn ħbiebu u l-ammiraturi tiegħu hawn Malta. Din il-proposta l-korrispondent għamilha minħabba l-akkwisti xjentifiċi u letterarji ta' Grognet imqar jekk ser ikun hemm x'uħud li jakkużawh li qabeż il-merti tiegħu.

## Patrijott – Ta ħajtu, l-isforzi, il-mezzi limitati

Ġimgħa wara nkiteb editorjal f' *The Malta Times* [11] u saret riferenza għall-apprezzament ta' *A.L.A.* L-editorjal żied li għal aktar minn għoxrin sena s-Sur Grognet baqa' miexi bl-idea tiegħu li jtella' fil-gżira ta' twelidu tempju għall-qima Nisranija, iddisinjat fi sbuħitu u kobortu fuq il-Pantheon ta' Ruma. Xejn ma qatagħlu qalbu u xejn ma ntelaq minħabba d-diffikultajiet, l-oppożizzjoni jew abbandun. Ma kellux riżorsi ta' flus jew ħbieb. Iżda ppersevera u għex biżżejjed biex jara t-tkomplija aħħarija tal-pjanijiet tiegħu. Irċieva pensjoni ta' mitt lira mill-Gvern b'rikonoxximent tal-ħila pubblika tiegħu.

L-editorjal staqsa jekk kienx xieraq li l-Maltin iħallu jisparixxi bniedem ta' ġenju, tagħlim, riċerka xjentifika, professjonist, u wieħed li kellu kapaċità perċettiva rari ta' dak li hu sabiħ fl-arti? Kien possibbli li dan il-bniedem jintesa mingħajr ma jitħalla memorjal pubbliku ta' apprezzament u rispett? Bħal kull bniedem verament kbir kien joqgħod lura u ma kienx joħroġ

➡ ikompli paġna 42



# Ġorġ Grognet

➡ minn paġna 40

barra minn dak iċ-ċirku intelletwali kwiet li fih kien jibbrilla. Minkejja dan kollu kellu l-kwalitajiet kollha ta' patrijott. Ta ħajtu, l-isforzi tiegħu, ftit kemm kienu ftit, biex jagħmel oġġett pubbliku u rnexxielu.

Ismu kien jibqa' marbut l-aktar ma' dik l-istruttura nobbli li ħaseb u tella'. Il-barranin kienu ser jistaqsu Malta ma' min kellha tant dejn għall-unur li xogħol bħal dak jagħmlilha. Id-dmir jitlob iżjed, tifkira fil-knisja [12] jew musulew fil-Barrakka jew ċentru pubbliku ieħor. Ħalli jkun sempliċi u mudest, jaqbel mal-ħajja ta' min jfakkar, iżda jiswa l-flus. Ħafna Ingliżi kienu jaqblu li jsir monument ta' tifkira iżda ma xtaqux jidħlu huma l-ewwel f'inizjattiva li kienet tmiss lill-Maltin li jibdewha.

### Bniedem ta' statura – "Kien iħobb in-nies. l-għerf... l-arti, art twelidu"

L-editur ta' *L'Arte*, perjodiku patrijottiku ppubblikat darbtejn f'xahar, kiteb biografija xierqa ta' Grognet. [13] L-arkitett u tabib Dr Nikola Zammit, fi kliem li jfakkarna f'dak li kiteb Dr Andrew Leith Adams f'*The Malta Observer* fit-2 ta' Ottubru, 1862, jgħid fost oħrajn: "Fuq l-għatba tal-qabar seħet il-glorja, iżda kien iħobb in-nies, l-għerf, kien jaħseb fl-arti u f'art twelidu ingrata. Fil-kesħa tax-xjuħija, meta d-debolezzi li jiġu qabel il-mistrieħ fatali jitolbu ftit konfort, kienet ħaġa iebsa għalih... li ma jkollux sodda xierqa fuqiex imut u kellu jqatta' l-aħħar iljieli bla rqad jimmedita fuq kif il-provvidenza ser twassallu biċċa ħobż għal ġurnata oħra għajxien."

### L-istorja ta' Malta midjuna – ħaseb f'ħaddieħor u qatt fih innifsu

F'silta oħra Dr Nikola Zammit jikteb: "Il-memorja ta' raġel bħal dan hi diqa għalina, diffikultà għall-istorja, li għandha inkarigu li tfakkar ingratitudni... hekk hu t-tmiem ta' dawk kollha li jgħixu jaħsbu f'ħaddieħor, imbagħad m'għandhomx ħin għalihom infushom."

"Il-ġenju ma jistax itella' fl-għoli tiegħu l-imħuħ iż-żgħar u anqas jinżel fil-baxx miskin tagħhom. Jibqa' maqtugħ mid-dinja qisu kien ta' dinja oħra".

Dr Zammit għaraf li Grognet kien iħossha inġusta li ħafna jistagħnew mingħajr mertu u min ħadem u stinka jispiċċa nieqes. L-ideat ta' Grognet kienu mexjin mal-fil tal-ħassieba u mexxejja soċjali ta' l-epoka, b'ideat li spiċċaw kienu l-forza sewwieqa ta' l-ideoloġiji tas-seklu għoxrin. Barra minn hekk Grognet kien qabel mad-demokratizzazzjoni soċjali li ġiet wara t-tmiem tat-terrur tar-rivoluzzjoni mdemmija ta' Franza (1789). Sinifikanti l-għeluq ta' l-editorjal meta Dr Zammit jikteb li l-pensjoni li ta l-Gvern lil Grognet kienet "lill-virtù u l-iżventura".

Kienet ironija li Ġorġ Grognet, bniedem kolt u intiż fid-drittijiet ċivili, kellu jispiċċa bla post fir-Reġistru Elettorali tal-votanti għall-Kunsill tal-Gvern fl-aħħar snin ta' ħajtu. Il-liġi elettorali ta' l-1849 kienet tistipula li l-persuni kollha 'l fuq minn 21 sena li kellhom il-kwalifiki biex iservu ta' ġurati skond il-Proklama Nru VI ta' l-1829 kellhom id-dritt tal-vot għall-membri elettivi tal-Kunsill tal-Gvern. Fost dawn hemm min hu eżentat minn ġurati minħabba l-età avanzata, professjoni

➡ ikompli paġna 43



# Ġorġ Grognet

➡ minn paġna 42

jew uffiċċju. Dawn ukoll setgħu jivvutaw. Rekwiżiti importanti biex isservi ta' ġurat f'każi kriminali u biex tivvota kienu li wieħed ikollu renta ta' mill-inqas 100 skud fis-sena minn proprjetà jew ikun f'kera ta' 50 skud annur. Isem Grognet ma jidhirx wara l-1857. Il-probabbiltà kbira hi l-faqar li waqa' fih. Fost ċittadini oħra kien hemm min kellu vot doppju jekk kellu artijiet f'Għawdex jew viċi-versa. Anqas kunjomu l-għażiż ma fadal għax ibnu Aristeo u bintu Cyrene mietu mingħajr ulied biex żgur aħna nkunu nistgħu ngħidu li Grognet għex biss u biss għar-Rotunda iżda fl-istess waqt ir-Rotunda hi l-għanja ċelesti singulari ta' dan l-ispirtu Malti eċċels. Aħna l-Mostin tħallejna b'werrieta tal-ġid intellettwali u kulturali tiegħu u għalhekk difensuri b'obbligu tal-patrimonju ta' dan il-Malti distint.

### Għeluq

Dawn id-dokumenti jixhdu l-miżerja li għexu Grognet u l-familja tiegħu biex artna seta' jkollha l-Pantheon tagħha. Joħroġ ċar u tond li Grognet ħa ħsieb personalment il-bini tar-Rotunda sa l-aħħar. Għall-isforzi tiegħu ma sabx l-appoġġ ħlief ta' ċirku ristrett ta' ħbieb li kellhom l-arti u x-xjenza għal qalbhom. Mill-bqija l-ingratitudni kienet lampanti. Dawn id-dokumenti jpoġġu xi ftit jew wisq lil kulħadd taħt akkuża għall-indifferenza li biha kien trattat dan il-ġenju tal-millennju Malti. Fi żmienu Grognet għamel xi ħaġa kbira għal artu. Imiss issa lil artu li tagħmel xi ħaġa kbira li tfakkar il-ġenju u l-istatura intellettwali u fl-istess waqt it-tjieba u s-sempliċità tiegħu.

F'dawn l-aħħar snin smajna bil-proġett taħt l-art il-wisa' ta' triq dejqa bogħod mill-pedamenti tan-naħa ta' wara tar-Rotunda. Forsi dan hu l-monument nazzjonali lil Grognet 140 sena mit-tlestija tal-Pantheon tiegħu? Wara tant snin li pajjiżna ilu b'riħtu f'idejh, dan il-bniedem ta' ideat politiċi, soċjali u ideoloġiċi profondi mhux biss għadna ma narawx wiċċu stampat fuq qoxra ta' bolla – ġieħ minimu! – imma talli azzardajna nsemmu proġett li żgur mhux ħabib tar-Rotunda tiegħu.

Is-sens komun jgħidlek li post il-parkeġġ mhux hemm u proposta terremot bħal din qatt ma messha saret. F'każ ta' terremot mur ara kif tirreaġixxi l-barriera li tkun tħaffret meta tqis furnella xi ħsara tagħmel!

Għall-Mosta mhux kollox jgħaddi. L-għaqdiet ċivili Mostin jeħtieġ jingħaqdu f'federazzjoni biex iħarsu l-patrimonju Mosti li għalih jaħdmu matul is-sena kollha. B'hekk l-għaqda fost il-Mostin tieħu sura usa' u jkollha s-saħħa li tiġi mill-għeruq tas-soċjetà nnifisha. Il-patrimonju Mosti l-abitanti tal-Mosta biss jiddefenduh. L-istorja tgħallimna! ■

*Anthony Camilleri B.A. (Hons), Dip.Ed. (Admin.&Mgmt)*

### Referenzi


1. ***The Malta Times, 9 th October, 1862***
2. ***CSGO2/7/7586/Petitions/1862***
3. ***CSGO 2/8309/G/Petitions/1863***
4. ***CSOG 2/1739/G/1865***
5. idem
6. *PW* 19, p. 19
7. No 82, Friday, June 1, 1860, p. 3
8. Thursday, June 5, 1862, p.2
9. No 1023, Thursday, 2 nd October, 1862
10. Dr Andrew L. Adams kien ferm qabel żmienu meta kien jgħid, korrettament, li l-kolera kienet marda li tittieħed bil-kuntatt uman.
11. No 1024, Thursday, October9 th, 1862.
12. Il-bust ta' Grognet fuq qabru fil-kappella taċ-Ċintura sar ftit wara mewtu mill-Mostin.
13. **L'Arte,** No. 4. Mercoledi, 7 Gennajo, 1863, pp 2-4.



JARDINLAND

Għajn Tuffieħa Road, St. Paul's Bay
and Mosta ex-Blossoms

For all your garden needs: pots, ceramics, ornaments and everything you need to beautify your home and garden. Also fresh flowers and potted plants available all the year round

| | | |
|---|---|---|
| Open from: | Monday: | 8.30 to 12.30 |
| | Tuesday to Friday: | 8.00 to 1.00 |
| | | 4.00 to 7.00 |
| | Saturday: | 8.30 to 12.30 |

* Għajn Tuffieħa Road, St. Paul's Bay Monday to Sunday open all day every day